**2010/2272(INI)**

30.5.2011

# OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar il-mobilità u l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità u l-Istrateġija Ewropea dwar id-Diżabilità 2010-2020
(2010/2272(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Elisabeth Morin-Chartier



*Magħquda fid-diversità*

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li l-Istrateġija Ewropea 2010-2020 għandha tagħmel kontribut biex:

   – jiġu inklużi soċjalment 80 miljun persuna b'diżabilità fl-Unjoni Ewropea, partikolarment dawk li huma nisa;

   – jiġi aġevolat ix-xogħol ta' dawk li jieħdu ħsiebhom, li fil-maġġoranza tagħhom huma nisa;

   – jiġu sensibilizzati n-nies ikkonċernati u biex jiġu kkoordinati l-attivitajiet tagħhom, ladarba jkunu ġew stabbiliti objettivi ċari u saru r-rakkomandazzjonijiet;

   – tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni doppja jew saħansitra multipla li qed jaffaċċjaw in-nisa b'diżabilità minħabba l-korrelazzjonijiet b'saħħithom li hemm bejn id-diżabilità, il-ġeneru, l-impjiegi u l-edukazzjoni;

   – issir l-integrazzjoni xierqa tal-persuni b'diżabilità, li mhux biss hija pass importanti għall-persuni b'diżabilità, imma wkoll li għandha tidher bħala arrikkiment għas-soċjetà kollha;

2. Jisħaq fuq il-fatt li, minħabba l-kriżi ekonomika, xi Stati Membri tal-UE kellhom inaqqsu l-finanzjament tagħhom tal-għajnuna għad-diżabilitajiet, tnaqqis li se jkollu effett ħażin fuq il-ħtiġijiet edukattivi, soċjali u ekonomiċi tan-nisa li għandhom responsabilitajiet tal-familja;

3. Jiddispjaċih li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija Ewropea dwar id-Diżabilità ma tinkludix perspettiva li tintegra l-aspett tal-ugwaljanza bejn is-sessi jew kapitolu separat dwar politiki tad-diżabilità li jittrattaw is-sessi b'mod speċifiku għall-ġeneri, minkejja l-fatt li n-nisa b'diżabilità ta' spiss huma f'pożizzjoni aktar żvantaġġata mill-irġiel b'diżabilità u huma spiss aktar vittmi tal-faqar u l-esklużjoni soċjali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu l-aspetti tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-Istrateġija Ewropea dwar id-Diżabilità 2010-2020 kollha kemm hi u jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw Strateġija Nazzjonali għan-Nisa b'Diżabilità, li tkun tindirizza l-firxa tat-temi koperti mill-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, li reċentement ġiet ratifikata mill-UE;

4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġbru statistika dettaljata u affidabbli dwar is-sitwazzjoni reali li qed isibu ma' wiċċhom il-persuni b'diżabilità li tkun tkopri d-dimensjoni tal-ġeneru, dik tad-diżabilità u dik tal-vjolenza, ifasslu rapporti annwali li juru s-sitwazzjoni tagħhom fl-Istati Membri differenti u jiġbru wkoll data affidabbli dwar is-sitwazzjoni ta' dawk li jieħdu ħsieb persuni b'diżabilità;

5. Jenfasizza l-ħtieġa ta' dijanjosijiet u soluzzjonijiet bikrija li jippermettu lill-akbar għadd

possibbli ta’ persuni b’diżabilità jgħixu b’mod indipendenti, b’aċċess għall-edukazzjoni u għall-ħajja professjonali inklużivi u l-abilità li jeżerċitaw id-drittijiet soċjali tagħhom ħalli ma jitqiegħdux f'sitwazzjonijiet vulnerabbli fis-soċjetà u ma jiġux esposti għal riskji serji ta' diskriminazzjoni, faqar u esklużjoni soċjali;

6. Jisħaq fuq il-fatt li l-persuni b'diżabilità mhumiex grupp omoġenju tal-popolazzjoni u li l-politiki u l-azzjonijiet ippjanati f'isimhom għandhom iqisu dak in-nuqqas ta' omeġeneità, kif ukoll il-fatt li xi gruppi, bħalma huma n-nisa b'diżabilità, jiffaċċjaw diffikultajiet addizzjonali u suriet multipli ta' diskriminazzjoni;

7. Jenfasizza li l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa huwa prijorità; jinnota li fil-biċċa l-kbira tal-pajjiż, il-kwistjonijiet relatati mal-ġeneru u d-diżabilità mhumiex koperti mill-istess leġiżlazzjoni u li, bħala riżultat ta' dan, in-nisa b'diżabilità ta' spiss jirċievu servizzi tas-saħħa li jkunu mmirati lejn in-nisa b'mod ġenerali jew lejn il-persuni b'diżabilità b'mod ġenerali, imma li rarament ikunu mmirati speċifikament lejhom;

8. Jirrimarka li n-nuqqas ta’ servizzi ta' kura bi prezzijiet għall-but ta’ kulħadd, aċċessibbli u ta’ kwalità għolja fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea u l-fatt li x-xogħol tal-kura mhux maqsum bejn in-nisa u l-irġiel għandhom impatt negattiv dirett fuq l-abilità tan-nisa li jipparteċipaw fl-aspetti kollha tal-ħajja soċjali, ekonomika, kulturali u politika;

9. Jenfasizza l-ħtieġa li l-professjonisti tas-saħħa u l-għalliema jiġu edukati bħala parti mit-taħriġ tagħhom u li l-ġenituri u l-għalliema jiġu sensibilizzati dwar it-tipi kollha ta' diżabilità, li wħud minnhom mhumiex mifhuma sew minkejja l-prevalenza tagħhom;

10. Jinnota li spiss hu l-każ li t-tfal b’diżabilità huma n-nisa li jieħdu ħsiebhom (ommhom), li min-naħa tagħhom iridu jlaħħqu ma’ proċeduri mediċi, edukattivi u amministrattivi, sitwazzjoni li għandha effett negattiv fuq il-karriera tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jqisu b'mod xieraq il-problemi li jaffaċċjaw il-ġenituri tat-tfal b'diżabilità, li ta' spiss huma mġiegħla jibqgħu barra mis-suq tax-xogħol, u jippromwovu politiki biex jappoġġaw u jgħinu lil dawn il-ġenituri; jitlob lill-Istati Membri li jagħmlu l-ħinijiet tax-xogħol aktar flessibbli bil-għan li dawn in-nisa ma jibqgħux esklużi mis-suq tax-xogħol;

11. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Istati Membri jiġu mħeġġa biex, fis-sistemi tas-sigurtà soċjali tagħhom u meta n-nies jirtiraw, jirrikonoxxu l-involviment u x-xogħol mhux imħallas ta’ dawk, li ġeneralment huma nisa, li jieħdu ħsieb (carers) nies b'diżabilità; jenfasizza li għandha tingħata attenzjoni partikolari lil dawn in-nisa;

12. Jinnota l-avvanzi li jsiru bis-saħħa tal-ħidma tal-assoċjazzjonijiet tal-ġenituri jew tal-assoċjazzjonijiet tal-persuni b’diżabilità, li spiss huma mmexxija min-nisa; jitlob li l-impenn tagħhom lejn dawn l-assoċjazzjonijiet jiġi meqjus meta jkunu qed jiġu akkreditati l-esperjenzi professjonali tagħhom, u jistieden lill-Istati Membri jiskambjaw l-aħjar prattiki;

13. Jirrimarka li l-proporzjon għoli ta' nisa fost in-nies ta' aktar minn 60 sena jirriżulta fi proporzjon għoli ta' nisa anzjani b'diżabilità, li għalihom il-faqar ta' spiss huwa fattur ta' riskju; jinkoraġġixxi, għalhekk, lill-Istati Membri jżidu l-aċċessibilità u jistabbilixxu aktar miżuri biex jassistu lill-persuni b’diżabilità u lil dawk li għandhom l-inkarigu li jieħdu ħsiebhom;

14. Jitlob lill-Kummissjoni tinkorpora attenzjoni speċifika u espliċità fuq l-intersezzjonalità tal-ġeneri u d-diżabilità fl-att Ewropew futur dwar l-aċċessibilità u tiżgura li tiġi indirizzata l-firxa sħiħa ta' kwestjonijiet relevanti għan-nisa b'diżabilità;

15. Jirrimarka li n-nisa b'diżabilità spiss huma l-vittmi ta' vjolenza u kull forma ta' sfruttament; jistieden lill-Istati Membri jdaħħlu mekkaniżmi ta' appoġġ u jieħdu miżuri qawwijin kontra kull forma ta' vjolenza li ssir kontra persuni b'diżabilità, b'mod partikulari n-nisa, il-persuni anzjani u t-tfal, li spiss huma vittmi ta' vjolenza mentali, fiżika u sesswali; jinnota li kważi 80% tan-nisa b'diżabilità huma vittmi ta' vjolenza u li r-riskju ta' vjolenza sesswali huwa aktar għoli għalihom milli għal nisa oħra; jiddispjaċih li spiss huwa l-każ li l-leġiżlazzjoni tal-UE u dik nazzjonali għall-prevenzjoni tal-isfruttament, tal-vjolenza u tal-abbuż ma jiffukawx fuq id-diżabilità; jirrakkomanda li l-Istati Membri jikkunsidraw li jiżviluppaw strateġiji nazzjonali relatati mal-aċċess għall-ġustizzja u l-protezzjoni mill-abbuż għan-nisa b'diżabilità; jistieden lill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi jwettaq studji dwar is-sitwazzjoni tal-bniet u n-nisa b'diżabilità fir-rigward tal-vjolenza;

16. Jiġbed l-attenzjoni lejn id-diffikultajiet li n-nisa b'diżabilità jiffaċċjaw biex jakkwistaw aċċess għax-xogħol, u jżid li huma għandhom jiġu inkoraġġiti jsegwu korsijiet ta' studju, jiżviluppaw ħiliet speċjali permezz ta' taħriġ vokazzjonali xieraq, jipparteċipaw fi programmi ta' tagħlim tul il-ħajja u jużaw teknoloġiji ġodda tal-informazzjoni u tat-telekomunikazzjoni, filwaqt li l-intrapriżi għandhom jiġu mħeġġa jimpjegawhom bl-użu ta' miżuri pożittivi u b'finanzjament adegwat, u li l-Istati Membri għandhom jiġu inkoraġġiti jadottaw politiki dwar l-aċċess għall-informazzjoni mfassla għal diżabilitajiet differenti; jitlob ukoll għall-implimentazzjoni urġenti ta' leġiżlazzjoni biex jiġu promossi u ffinanzjati programmi biex jgħinu lin-nisa b'diżabilità jintegraw fil-ħajja tax-xogħol, ħaġa li tkun tinkuraġġixxi l-koperazzjoni bejn l-assoċjazzjonijiet, il-fondazzjonijiet, l-NGOs u l-kumpaniji;

17. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw kemm forom indipendenti u kemm forom kollettivi ta' akkomodazzjoni li huma ta' kwalità tajba u għall-but ta' kulħadd;

18. Jenfasizza l-importanza li jiġi ottimizzat l-użu tal-istrumenti tal-UE għall-finanzjament, b'mod partikulari l-Fondi Strutturali, biex jiġu promossi l-aċċessibilità u n-nondiskriminazzjoni għall-persuni b'diżabilità, waqt li tingħata attenzjoni partikulari lin-nisa, li ta' spiss jiffaċċjaw diskriminazzjoni multipla, u li tiżdied il-viżibilità tal-possibilitajiet ta' finanzjament għal tali azzjonijiet fil-programmi ta' wara l-2013;

19. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu kampanji għas-sensibilizzazzjoni dwar il-qagħda tal-persuni b'diżabilità, u tan-nisa b'diżabilità b'mod partikolari;

20. Jitlob li jiġu attivitati l-fondi Ewropej allokati għal kampanji ta' komunikazzjoni u għal attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni għall-benefiċċju tan-nisa b'diżabilità;

21. Jistieden lill-Istati Membri jiffaċilitaw ir-rappreżentanza tan-nisa b'diżabilità fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, sabiex jiżguraw li l-interessi u d-drittijiet tagħhom jitħarsu;

22. Jenfasizza li għandha tiġi adottata Kard Ewropea tal-Mobilità bil-għan li jitnaqqas ix-xkiel għall-moviment liberu tal-persuni b'diżabilità fl-Ewropa;

23. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw politiki għall-assistenza tan-nies b'diżabilità, b'mod partikulari n-nisa u t-tfal, biex jingħata appoġġ lill-awtonomija u l-integrazzjoni sħiħa tagħhom fis-soċjetà; f'dan il-kuntest, jistieden lill-Kummissjoni ssostni l-programmi għall-iskambju tal-aħjar prattika bejn l-Istati Membri, u b'mod partikulari teżamina r-rwol tal-assistenti personali għan-nies b'diżabilità u l-mod kif jikkontribwixxu biex jiġu ffaċilitati l-ħajja ta' kuljum u l-indipendenza tan-nies b'diżabilità;

24. Jenfasizza li, fl-interessi tal-inklużjoni aħjar tan-nies b'diżabilità, huwa essenzjali li jiġi msaħħa d-dritt tagħhom ta' aċċess għat-trasport pubbliku u d-drittijiet tagħhom bħala passiġġieri tal-ajru;

25. Jisħaq fuq il-fatt li n-nisa b'diżabilità għandhom dritt jikkondividu u jibbenefikaw mill-iżvilupp rapidu ta' prodotti u servizzi derivati minn teknoloġiji ġodda fuq l-istess livell, peress li dan se jippermettilhom jipparteċipaw f'soċjetà tal-informazzjoni inklużiva mingħajr xkiel;

26. Jinnota li l-periklu tal-faqar u l-qgħad huwa partikolarment serju f'dak li jikkonċerna l-ommijiet waħedhom ta' tfal b'diżabilità;

27. Jikkunsidra li hemm bżonn li jiġu previsti miżuri speċjali ta' appoġġ biex jaħsbu għall-persuni b'diżabilità li jaqgħu fil-gruppi bi dħul aktar baxx, sabiex jiġi żgurat li jkollhom l-istess aċċess għat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni u jiġi evitat li jinħolqu forom ġodda ta' esklużjoni soċjali;

28. Jinnota li l-mira tal-impjiegi tal-Istrateġija UE 2020 ma tistax tintlaħaq mingħajr il-parteċipazzjoni massiva tan-nisa, u li n-nisa ma jistgħux jipparteċipaw b'suċċess kemm-il darba ma jiġix rikonoxxut biżżejjed ix-xogħol ta' kura li huma jwettqu.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 25.5.2011 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 29<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Regina Bastos, Edit Bauer, Emine Bozkurt, Marije Cornelissen, Silvia Costa, Iratxe García Pérez, Lívia Járóka, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nicole Kiil-Nielsen, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Constance Le Grip, Astrid Lulling, Elisabeth Morin-Chartier, Angelika Niebler, Siiri Oviir, Raül Romeva i Rueda, Joanna Katarzyna Skrzydlewska, Eva-Britt Svensson, Britta Thomsen, Marina Yannakoudakis, Anna Záborská |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Izaskun Bilbao Barandica, Mojca Kleva, Kartika Tamara Liotard, Gesine Meissner, Norica Nicolai, Antigoni Papadopoulou |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Roger Helmer, Jacek Włosowicz |